Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 70/2019

Il-Pulizija

(Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla)

Vs

Gilmore Cachia

Illum 12 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gilmore Cachia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 38386M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Talli fl-20 ta' Diċembru 2005, ġewwa il-Belt Valletta, bejn id-disgħa nieqes kwart ta' filgħodu u d-disgħa u nofs ta' filgħodu:

   a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industija, jew xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
c. Xjentement qiegħed fiċ-ċirkolażżjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marki, sinjali , jew emblema imxebbħin b'qerq;

U cioè diversi CDs tal-musika, films fuq DVDs u oġġetti oħra.

(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a),(c), u (f) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

2. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok, għal qligħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduca jew ikkopja, jew biegħ. Qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;

(Dan bi ksur ta' L-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

U b'hekk, l-imputat Gilmore Cachia, sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-akkuzat/i għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 49, 50, u 298 (1) (a) (c) u (f), u 298B, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (u dan kif kien jaqra fiz-zmien illi sehh dan l-att u cioè fl-2005) ikkundannat lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu

28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal zmien sentejn mil-lum u kkundannat lill-imputat ghal multa ta' elfejn u tliet mitt Ewro (€2,300).

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tal-oggetti konfiskati mill-Prosekuzzjoni oggett ta' din il-kawza.

U ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat ghal hlas tal-ispejjez tal-espert Horace J. Anastasi fl-ammont ta' Lm629.53 illum ekwivalenti ghal elf erba' mija u sitta u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1,466.41).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gilmore Cachia, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a. **Tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn ma sabitx htija fl-imputat appellant fir-rigward tat-tieni akkuza taht l-Artikolu 298B(1)(a) u lliberatu minnha; u

b. **Tirrevokaha u thassarha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi l-ohra kollha fil-konfront tieghu u konsegwentament tilliberah minn kull htija u piena; u

c. F'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba (b) ta' dan l-appell u minflok joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet htija fl-imputat appellant,

joghgobha tirriforma u tvarja l-istess sentenza fir-rigward tal-piena billi minflok il-piena inflitta tissostitwiha b'piena iktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Gilmore Cachia huwa s-segwenti u cioè:-

Illi l-esponenti japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, mhijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-porvi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b'apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit tal-atti processwali sabiex tara jekk f'dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li filfatt waslet ghaliha;

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti hija ma setghetx isib htija fl-appellant Gilmore Cachia ghar-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Dan ghaliex minn ezami akkurat tal-atti processwali johrog bic-car li mill-provi akwiziti ma jistghu bl-ebda mod legalment u ragevolment iwasslu ghall-htija tal-appellant lil hinn minn kull dubju dedatt mir-raguni u dan ghaliex mill-provi prodotti mhemm xejn li jorbot l-appellant mal-kaxxi li nstabu mill-Ispettur Ian Abdilla. Tant li fix-xhieda tal-istess Spettur Ian Abdilla jinghad li l-ewwel kaxxa IA 1 instabet "dik sibtha, mhux ha nghid l-istall ta' Gilmore u l-istall ta' hdejh, jien mill-informazzjoni li ghandu huma l-istess stalls tal-istess owner" u t-tieni kaxxa IA 2 "sibtha ….. fil-koxxa tal-bieb tal-palazz, li hemm Old Theatre Street, …. Taht munzell kaxxi ohra….." filwaqt li fix-xhieda ta' PC 1084 Roderick Zammit jinghad li l-kazz IA 2 kienet tinsab "fuq it-tilar tieghu". Dan juri bic-car li mhemmx qbil lanqas fuq il-post li dawn il-kaxxi nstabu u dan in-nuqqas ta' qbil jidher ukoll fix-xhieda taghhom meta gew mistoqsija fuq meta waslu fuq l-istalls u fejn kien jinsab Gilmore Cachia dak il-hin.

Illi l-prosekuzzjoni naqset ghall-ahhar milli ggib il-prova li tindika ezattament lil min jghajtu dawn it-tilari. Kull tilar ghandu licenzja u ghalhekk l-aqwa prova kellha tkun dik li tindika ezattament fuq min qieghda l-licenzja, izda din fl-ebda hin ma giet prodotta. Illi ghalhekk kif wiehed jista' jghid li dawn il-kaxex gabhom Gilmore Cachia u mhux hawker iehor li kellu l-interess li jzomm dawn il-kaxex 'il boghod minnu? Infatti qatt ma nistghu nirrispondu tali domandi ghax il-provi huma nieqsa u mhemm xejn x'jorbot lil Cachia ma' dan.

Ikkunsidrat.

Illi l-artiklu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid "Procedimenti taht dan l-artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza". Tant li l-Ispettur Abdilla ma pprezenta kwerela b'numru ta' document annessi maghha. Dawn id-dokumenti mbaghad ghandhom konferma dwar l-awtenticita' taghhom permezz ta' affidavit appostillat izda tali dokumenti huma kollha photocopies u ffirmati li huma true copy thereof. Illi kif ben sew tghallimna din l-Onorabbli Qorti s-sidien of the actual property rights ma jistghux jixhdu permezz ta' affidavit minhabba li ma jinkwadrawx fl-eccezzjonijiet li taghti l-ligi. Dan gie kkonfermat ukoll permezz ta' sentenza moghtija mill-Imhallef imbaghad Prim Imhallef is-sinjorina tieghu Vincent Degaetano fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija kontra Eugenio Franz datata erbgha u ghoxrin (34) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet "htija taht l-Artiklu 298B (1) (b), stante illi l-imsemmija oggetti kienu fil-pussess tal-imputat, u dan is-subartikolu (b) jirrikjedi biss il-pussess ta' tali oggetti". Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi minguba kontra Gilmore Cachia, l-artikolu 298B (1) (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta mhuwiex wiehed mill-akkuzi moghtija mill-prosekuzzjoni izda nghata biss l-artikolu 298 (1) (a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellant.

Semghet lil-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-12 ta ' Novembru 2019.

Ikkusidrat

**Illi jinghad *ab initio* li minkejja li l-akkuzat ressaq il-Qorti tht arrest erbtax-il sena ilu u coe fis-sena 2005 meta kien ghad kellu ghoxrin sena, l-ewwel darba li deher quddiemha kien fit-22 ta' Ottubru 2019 (fol. 373) meta effettivament gie trattat dan l-appell.**

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi l-appellant gie akkuzat b'diversi reati ghalkemm hemm biss zewg numri hdejhom fil-Fatt jidher li gie akkuzat b'hames akkuzai u cioe talli fl-20 ta' Diċembru 2005, ġewwa il-Belt Valletta, bejn id-disgħa nieqes kwart ta' filgħodu u d-disgħa u nofs ta' filgħodu:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industija, jew xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; (Artikolu 298 (1) (a) tal-kap) jew
2. Għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; (Artikolu 298 (1) (c) tal-kap) jew
3. Xjentement qiegħed fiċ-ċirkolażżjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marki, sinjali, jew emblema imxebbħin b'qerq; (Artikolu 298 (1) (f) tal-kap)
4. Talli, għal qligħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduca jew ikkopja, jew biegħ. Qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha; (Artikolu 298B tal-kap)
5. Talli hu recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula;

Ghalkemm l-appellant ma ressaq ebda aggravju dwar in-nullita tas-sentenza appellata, il-Qorti osservat illi l-Ewwel Qorti ghalkemm matul is-sentenza ghamlet konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant u indikat certi akkuzi ma semmietx l-akkuzi kollha ta' xiex kienet qieghda ssibu hati, fil-parti dispositiva naqset milli tiddikjara ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htija, izda minflokk semmiet l-artikoli kollha citati mill-ufficcjal prosekutur u miktuba fic-*charge sheet* u infliggiet il-piena. Dikjarazzjoni ta htija fil-parti disposttiva ma hemmx fis-sentenza ghalkemm tghid li certu akkua tirrizulta ghas sodisfazzjni taghha provata.

Illi fil-parti disposttiva taghha, l-ewwel Qorti stqarret li "*mill-assjem tal provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, fir-rigward tal- ewwel akkuza il-prosekuzzjoni ppruvat ampjament il-kaz kontra l-imputat.*

*Fir-rigward tat-tieni akkuza, l-kwerela tal-parti offiza giet debitament esebita in atti kif inghad aktar ' fuq u konsegwentement it-tieni element ta' din l-akkuza gie ukoll provat.*

*Illi fir-rigward tat-tielet akkuza ghandu jinghad li n-ness ben il-kwerela u d-DVD's u CD's atttwalment misjuba fuq it-tilar tal-imputat ma giex pruvat ghal kul wahda minn tali DVD jew CD u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija tl-imputat fir-rigward tat-tieni akkuza taht l-artikolu 298 (1) (a) u qeda tilliberah minnha izda tinsab htija taht l-artiklu 298(1) (b) stante li l-imsemmija oggetti kienu fl-pusess tal-imputat u dan is-sub artikolu (b) jirrikjedi biss il-pusess ta tal -oggett.*

*Illi ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 49,50 u 298 (1) (a) (c) u (f) u 298B tal- kap tal-ligijiet ta' Malta (u dan kif kien jaqra fiz-zmien illi sehh dan l-att u cioe fis-sena 2005, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-kapitoli 9 tal-ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mill illum u tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' elfejn u tlett mitt euro (€2,300)*"

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma semmietx l-akkuzi kollha fil-parti disosttiva taghha u lanqas ma ghamlet dikjarazzjoni ta htija fir-rigward tal akkuzi li sabitu hati taghhom. Qabdet u semmiet l artikoli u kkundannat ghal piena hemm imsemmija

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*'

Bil-kelma '*fatti*' fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tifhem li kellhom mhux biss jitnizzlu l-imputazzjonijiet li taghhom l-akkuzat kien gie akkuzat kif filfatt ghamlet l-Ewwel Qorti izda kellu anke fil-parti disposittiva jitnizzel kjarament ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htjia u sussgewentement kif ghamlet tnizzel l-artikoli li tahthom kienet qieghda ssib htija u tinfliggi l-piena. Ghalkemm jirrizulta li l-Ewwel Qorti qieset l-imputazzjonijiet fil-parti tas-sentenza ddedikata ghal kunsiderazzjonijiet u iddikjarat jekk kinitx qieghda ssib htija, gialadarba ma jirrizultax li fil-parti disposittiva gie mnizzel ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htija, sejra ex officio tikkunsidra jekk dan iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius[1]'** gie kkunsidrat li:

'*Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l- Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex issemmi l- artikoli ghaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, minghajr ma ddikjaratu hati tal-akkuzi illi gew dedotti kontra tieghu.*

*L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid testwalment illi meta l-Qorti taghti sentenza kontra imputat ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi li tkun tikkontempla r-reat.*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru: 171/2011)

*Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.*

*Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi*'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) Vs Stephen Bonsfield[2]'** gie kkunsidrat li:

'*Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm "passim" fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall- artikoli citati mill-Qorti bhala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti "ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati", dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat.*'

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Arthur Mercieca Vs Keith Pace[3]'** gie kkunsidrat li:

'*Illi mill-atti jirrizultaw zewg imputazzjonijet migjuba fil-konfront tal-appellant u cioe' dawk tas-serq u tar-ricettazzjoni li huma alternattivi wahda ghall-ohra. Illi ghaldaqstant, meta l-*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali Numru: 327/2005)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Jannar, 2016 (Appell numru: 342/2015)

*Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi l-piena minghajr dikjarazzjoni dwar liema minn dawn iz-zewg reati kienet qed tinstab htija u dan iwassal ghal nullita' fis-sentenza appellata billi l-istess hija nieqsa minn dikjarazzjoni dwar ili fatti li dwarhom huwa qieghed jinstab hati u allura ma jirrizultax car ghal liema reat qed tirrizulta tali htija.*'

Illi nonostante l-fatt li l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonjiet taghha taghmel riassunt ta' dak li intqal mix-xhieda b'mod xejn dettaljat u ghamlet ukoll analizi tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u anke indikat taht liema artikoli l-akkuzat kien qieghed jitressaq u dan qed jinghad ghaleix semmiet l-artikoli kollha inkluz dawk tar recidiva pero dwar l-akkuza tar recidiva *per se* ma tghid xejn minkejja li hu reat distint u separat minn kull akkuza ohra. Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha ma jirrizultax ta' xhiex instab hati u dan ghaliex iccitat l-artikoli kollha anke dawk fejn ma sabitx htija

Din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant għar-raġuni spjegata f'din is-sentenza, tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terga' tingħata sentenza mill-ġdid skond il-liġi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur